Kunsill Lokali Fontana

Minuti tal-laqgħa tlieta u għoxrin (23), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Erbgħa, 29 t'Ottubru 2014 fil-5.35 ta' fil-għaxija fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku, s-Sur Saviour Borg u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħa tnejn u għoxrin (22) ġew approvati kif preżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

*Mill-Minuti*

2.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-Kunsill għadu qed jistenna l-approvazzjoni ta' l-ARMS biex jingħata d-dawl lil dawk iż-żewġ fanali li twaħħlu l-isfel mill-Knisja fi Triq il-Għajn

2.3 Rigward il-European Week for Waste Reduction, il-membri qablu li għandha ssir kompetizzjoni fost it-tfal bl-isem 'Art with Recycle', u tkun bħala parti mill-esebizzjoni li ssir f'Jum il-Fontana. Qablu li għandu jintbgħat avviż lir-residenti.

2.4 Is-Segretarja infurmat lil preżenti li għall-*Influenza Vaccine* applikaw 41 resident.

2.5 Wara li l-Kunsill bagħat avviżi fid-djar biex aktar anzjani jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li tjiebet xi ftit il-konkurrenza.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

2.6 Ħarġu l-applikazzjonijiet għaż-Zumba *classes* bħala parti mill-iskema Inizjattivi Sportivi, applikaw għaliha 45 parteċipant. Dan il-kors ser jibda' mis-Sibt, 8 ta' Novembru 2014 u ser jitmexxa minn Victoria Gatt.

2.7 Rigward il-problema tal-ħamiem, is-Sindku qal li qed jistenna risposta minn xi *petshops* rigward l-għalf. Is-Sur Mercieca qal li għandu jinxtara dan l-għalf u jitqassam f'pakketti żgħar u jingħata lir-residenti sabiex ipoġġuħ fuq il-bjut tagħhom.

2.8 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-vleġġeġ ta' ma l-art fi Triq il-Għajn kantuniera ma Triq Qalb ta' Gesu' u Triq il-Għajn kantuniera ma Triq il-Kappillan Hili inżebgħu mill-Ministeru għal Għawdex wara li saret talba lis-Sur Micallef fi ħdan l-istess Ministeru peress li din hija triq arterjali. Is-Seg. Eżekuttiv għandha titlob kwotazzjonijiet sabiex isiru *flicker lights* tal-vleġġa u titlob lil Chris Gauci sabiex jgħaddilha xi *specifications*.

3. <u>Jum il-Fontana</u>

3.1 Is-Sindku flimkien mas-Seg. Eżekuttiv qal li tħejja programm li jinkludi li ssir wirja ta' arteġjanat maħdum fil-Fontana. Il-membri qablu li għandu jintbagħat avviż lir-residenti dwar dan. Qablu wkoll li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Fontana issir ħarġa soċjo-kulturali ta' nofs ta' nhar f'Għawdex u ħarġa oħra f'Malta. Fl-1 ta' Diċembru 2014 fl-okkażżjoni tal-21 sena mit-twaqqif tal-Kunsill ser issir quddiesa ta' radd il-ħajr, tqegħid ta' kuruna mal-monument tas-Sajjieda u wara serata soċjo kulturali u riċeviment fis-Sala tal-Kommunita'. Waqt din l-attivita' jingħata Premju Ġieħ il-Fontana. Wara s-Sindku qal li ried jiġi nominat ir-rebbieħ tat-trofew ta' Ġieħ il-Fontana. Is-Sindku innomina lil Dun Manwel Cordina bħala Fundatur u Direttur Ġenerali tal-Fondazzjoni Oasi għal ħidma kbira li jwettaq fost id-drogati u l-alkoħoliċi f'Għawdex u f'Malta, waqt li s-Sur Micallef innomina lis-Sna Francine Spiteri għax-xogħol volontarju tagħha fl-Armar, Radju u Knisja. Il-membri għaddew għal votazzjoni. Il-Viċi Sindku u s-Sur Mercieca ivvutaw għal Francine Spiteri waqt li s-Sur Farrugia ivvota għal Dun Manwel Cordina. Il-votazzjoni ġiet tlieta kontra tnejn u għalhekk Premju Ġieħ il-Fontana ser jingħata lis-Sna. Francine Spiteri.

3.2 Rigward il-PA System il-membri qablu li għandu jitqabbad Anġlu Micallef, bħala preżentatur għandha tkun is-Sna. Guża' Borg, bħala *drinks* għandhom jiġu ordnati minn għand F. Mizzi Distributors u



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Borg

għandhom jintalbu tlett kwotazzjonijiet għal ikel li l-prezz għandu jinkludi l-*waiters*, tazzi u VAT.

4. Għoti u Ħruġ ta' l-offerti

4.1 Infetħet l-offerta FNT07/2014 għal *Excavation and Building of a retaining wall in John Gaspard le Marchant Street – Fontana* quddiem il-preżenti. Il-prezzijiet kwotati skond l-*ispecifications* kienu skond Dok A anness. Il-membri qabli li qabel ma tingħata l-offerta għandhom jitolbu l-evalwazzjoni tal-Perit sabiex jiżgura li l-offerti qegħdin skond l-*ispecifications.*

4.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li għandha bżonn terġa toħroġ l-offerta għall-*online streaming* wara li saret l-evalwazzjoni mill-Engineer Mario Galea u sab xi *specifications* nieqsa minn naħħa tal-Kuntratturi. Infurmathom ukoll li b'direttiva mid-Dipartiment dawn iridu jkunu jaħdmu. Il-membri qablu li din għandha terġa toħroġ.

4.3 Is-Sindku propona li terga' tinħareġ ukoll l-offerta għall-kisi ta' parti minn Triq il-Għajn mill-kantuniera ta' Pjazza Santu Wistin sa quddiem Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili wara li jiġi vverifikat jekk l-offerta maħruġa snin ilu għadiex tgħodd. Huwa propona li l-offerta tinqasam fi tnejn minħabba kwistjoni ta' finanzi kif ukoll minħabba t-traffiku. Is-Sur Mercieca qal li jaqbel ma dan iżda l-aħħar kisja għandha ssir tal-biċtejn ma xulxin. Is-Sur Micallef qal li nitolbu laqgħa ma Transport Malta minħabba l-immaniġjar tat-traffiku fil-Fontana.

5. Tiżjin tat-toroq għall-Milied

5.1 Is-Sindku propona illi t-tiżjin għandu jsir bħas-sena l-oħra u jerġgħu jiġu mżejna l-istess toroq. Is-Sindku qal li s-Sur John Theuma fi ħdan l-għaqda ta' l-armar talbu ghal €1400 sabiex isir it-tiżjin iżda is-Sindku infurmah li mhux possibli li l-Kunsill iħallas dan l-ammont għax ma jkunx lok għal *direct order.* Is-Sindku nfurmah illi l-Kunsill ma jistax jaqbeż il-prezz ta' €1150 bħas-sena l-oħra. Il-membri qablu li m'għandiex tinqabeż is-somma tas-sena l-ohra ħalli l-Kunsill jibqa' konformi mal-liġi. Is-Sur Mercieca beda jsostni li ta' l-armar qalulu xi ħaġa oħra. Wara li s-Sur Mercieca informa lis-Seg. Eżekuttiv għal darbtejn li mhu ser jgħid xejn aktar u wara li s-Sindku waqfu għall-ħames darbiet dan ħareġ mill-kamra. Ġie mistieden jidħol fil-kamra is-Sur John Theuma fejn qabel mal-proposta tal-Kunsill illi l-Għaqda ta' l-Armar jarmaw Triq Kappillan Gużeppi Hili, parti minn Triq il-Għajn għal prezz ta' €1150. Triq John Gaspard le Marchant u Triq Kardinal



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boy

Franchi jiżżejnu mill-Kuntrattur Michael Bugeja għal prezz ta' €700. Is-Sur Micallef informa lis-Sur Theuma li ta' l-armar għandhom jiddeċiedu x'ikunu ser jitolbu lil Kunsill peress li s-Sur Mercieca kien ser jgħid verżjoni differenti li qalulu l-Għaqda ta' l-Armar minn kif kienu qalu lis-Sindku. Is-Seg. Eżekuttiva informat lis-Sur Theuma li dawn l-affarijiet għandhom ikunu uffiċċjalment bil-miktub u jintbgħatu fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex is-Seg. Ezekuttiv tkun tista' tressaqhom waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku informa lis-Sur Theuma sabiex iwassal il-messaġġ lil sħabu tal-Kumitat biex ma jdaħlux lil Għaqda Dilettanti tan-Nar tal-Fontana waqt xi talba tagħhom, sabiex ma jinqala' l-ebda disgwid. Is-Sur Micallef informa lil preżenti li fil-laqgħa li jmiss is-Sur Mercieca għandu jitħalla jgħid dak li kellu jgħid.

5.2 Is-Sur Theuma staqsa lil membri jekk il-Kunsill kienx lest li jagħmel riklam ta' awguri fil-kalendarju li toħroġ l-għaqda ta' l-armar. Il-membri ma qablux ma dan peress li fir-revista li joħroġ il-Kunsill ikun hemm l-awgurijiet tal-Milied u s-Sena l-Gdida.

6. <u>Community Chest Fund</u>

6.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li attendiet għal laqgħa flimkien ma Kunsill oħra mal-President ta' Malta fejn infurmat illi l-Istrina din is-sena ser tixxandar minn Għawdex fl-20 u 21 ta' Diċembru. Il-President talbet l-għajnuna tal-Kunsilli u tal-Parroċċi. Il-Kunsill intalab biex itella' attivita' ta' siegħa li tiġi mxandra fuq il-PBS kif ukoll ikun hemm l-attendenza tal-President waqt l-attivita'. Is-Sindku propona laqgħa mal-Kappillan il-gimgħa d-dieħla fis-6.30 ta' fil-għaxija. Il-membri qablu ma dan.

7. <u>Korrispondenza</u>

7.1 Rigward l-ħlas lil Ex-Aġent Seg. Eżekuttiv. Is-Seg. Eżekuttiv informat lil preżenti li rċeviet ittra minn għand l-Asst. Direttur Pio Farrugia fejn talabha tinfurmah bid-deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-ħlas. L-Ex Agent Seg. Eżekuttiv riedet titkellem. Is-Seg. Eżekuttiv informat lil preżenti li ser tissospendi l-laqgħa sabiex titkellem is-Sna. Abela peress li ma kienitx mistiedna mill-Kunsill sabiex tattendi għal laqgħa. Wara li l-Kunsill semgħa x'kellha xi tgħid, il-laqgħa reġgħet ġiet ippreseduta. Is-Seg. Eżekuttiv fehmet lis-Sna. Abela li l-Kunsill ried spjegazzjoni dettaljata u ġustifikata fejn u kif seħħew is-siegħat li talbet il-ħlas għalihom. Iżda is-Sna Abela xorta ma tagħtx ir-risposta mistenniha. Is-Sna Abela staqsiet lis-Sur Micallef għaliex ma ġietx imħallsa. Is-Sur


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S.Bog

Micallef staqsiha għaliex minn Kunsill sħiħ kienet qed tistaqsi direttament lilu. Is-Sur Micallef qalilha li hu d-deċiżjonijiet jeħodhom fil-Kunsill u mhux barra l-bini tal-Kunsill, ukoll weġibha li kienet id-deċiżjoni ta' kull membru u li d-deċiżjoni qegħda fil-minuti *on-line.* Is-Sindku staqsa lil preżenti jekk kienx hemm xi ħadd li ried jikkummenta iżda ħadd ma tkellem. Is-Seg Eżekuttiv infurmat lil preżenti li skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali deċiżjoni tal-Kunsill ma tistax tinbidel qabel sitt xhur. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jinforma lil Asst. Direttur illi d-deċiżjoni tal-Kunsill ingħatat f'emails preċedenti.

7.2 Ittra bl-Avukat għan-nom tal-Kuntrattur Joe Cauchi rigward it-Tindif ta' parti tal-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku qal li l-Kuntrattur messu għamel laqgħa mal-Kunsill qabel bgħat ittra bl-avukat. Is-Sindku propona li għandha tintalab il-gwida tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq dan ir-rigward peress li l-prezzijiet jistgħu jiżdiedu kif ukoll jorħsu u għalhekk l-offerta tista' taħdem favur iż-żewġ partijiet mhux favur il-kuntrattur biss. Is-Sur Micallef propona li għandha ssir laqgħa mal-Kuntrattur fejn jiġi nfurmat li ser nitolbu linja gwida.

7.3 Il-kont ta' Carmel Grima rigward xogħol ta' *boundary wall* u *dumping charges* għal prezz ta' €601.80. Is-Sindku qal li jidirlu li dan il-kont tħallas mal-kont tat-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku u li dan diġa kien parti mill-Kuntratt iżda aħjar issir verifika mal-Perit. Is-Sur Micallef propona li ghandu jiġi kwotat it-*tender* u tintalab kjarifakazzjoni mill-Perit tħallasx diġa jew le.

7.4 Il-kont tas-Solar Engineering. Wara li s-Seg. Eżekuttiv kjarifikat il-kontijiet ma' l-Eng. Mario Galea, il-membri qablu li jitħallas iżda qablu wkoll li l-Kunsill m'għandux iħallas l-imgħaxijiet mitluba mill-Kuntrattur peress li l-Kunsill qatt ma rċieva *invoices* f'dan ir-rigward.

7.5 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li wasal l-*Inspection Report 2014* tal-*Playing Field.*

7.6 E-mejl minngħand il-Green MT fejn talab lil Kunsill sabiex jipparteċipa fl-iskema ta' ġbir ta' ħġieġ mid-djar kull l-ewwel Hamis tax-xahar. Is-Sur Micallef propona illi l-ħġieġ għandu jitpoġġa ġo kaxxi tal-kartun biex nevitaw li jkun hemm xi inċident. Il-membri qablu li jintbgħatu l-avviżi fid-djar f'dan ir-rigward. Barra minn hekk is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill ser jirċievi minn għand il-Green MT 2000 borża griża biex jitqassmu lir-residenti.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Boy

7.7 Minħabba il-kont tad-dawl, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li wara li marret Malta biex jiġi iċċekkjat il-*metre* tad-dawl u sabuh jaħdem sew, marret ukoll l-ARMS Ltd biex issir klarifika fuq il-kont. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li ġiet infurmata mill-ARMS Ltd li mhux talli l-Kunsill kellu jagħti iżda l-Kunsill għandu jieħu.

8. Approvazzjoni ta' kontijiet

8.1 Skeda Nru 19 tal-ħlasijiet ġew approvati kif preżentati mill-membri tal-Kunsill.

9. Materji Oħra

Fis-7.00pm il-Viċi Sindku, s-Sur Victor Cefai spjega li minnħabba impenji oħra ser ikollu joħroġ mill-kamra u skuża ruħi. Il-laqgħa tkompliet peress li kien għad baqa' *quorum.*

*Sindku, s-Sur Saviour Borg*

9.1 Is-Sindku propona illi l-Innu tal-Fontana għandu jinkiteb fuq irħama, n-naħa ta' wara tal-Monument tas-Sajjieda. Il-membri qablu li għandu jitqabbad il-mormarat Ray Bonello.

9.2 Is-Sindku nforma lil preżenti li saret l-applikazzjoni għall-*amended application* rigward it-Tindif ta' parti mill-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku propona li l-Wied tax-Xlendi xorta għandu jitnaddaf mill-fondi tal-Kunsill is-sena d-dieħla jekk ikollna l-permessi meħtieġa peress li l-leġislatura hu proponut li tiżdied għal aktar minn sentejn u għalhekk il-Kunsill ikollu fondi bizzejjed.

9.3 Tlestiet il-manutenzjoni tal-bankijiet fi Triq John Gaspard le Marchant u Triq Kardinal A Franchi mill-ħaddiema tal-Kunsill.

9.4 Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jerġa' jitlob stima lil Neville Mercieca sabiex jitwaħħlu l-qsari ġodda li ser jitwaħħlu fuq il-pedestali ta' Triq il-Għajn l-isfel mill-Knisja. Il-membri qablu.

9.5 Wara laqgħa li s-Sindku kellu nhar is-17 t'Ottubru 2014 fil-*board room* tal-Ministeru għal Għawdex rigward il-*World Diabetic Day* li ser issir fit-13 u l-14 ta' Novembru 2014, s-Sindku propona li l-Għejjun jinxtegħlu blu għal okkażżjoni. Il-membri qablu li jitqabbad il-Kuntrattur Chris Gauci sabiex ipoġġi il-*filming* blu quddiem il-*floodlights.*


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

9.6 Is-Sindku propona li għandha tkompli tinqata' it-tina mejta li tqaċċtet fi Pjazza l-Għejjun mill-maltemp.

9.7 Is-Sindku propona li għandha tinxtara x-xemgħa għan-niċċa tas-Salvatur u jiġi ordnat fanal żgħir għal quddiem in-niċċa tal-Kunċizzjoni li qed tiġi restawrata.

9.8 Is-Sindku nforma lil preżenti li hu u s-Seg. Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Seg. Parlamentari Onor. Stefan Buontempo il-Ministeru għal Għawdex rigward id-dewmien fir-risposta tas-sentenza tal-ġebla tal-qawwi.

9.9 Is-Sindku nforma lil preżenti li attenda għal laqgħa tal-MEUSAC fl-uffiċċju tar-Reġjun rigward is-*sign posting project.* Is-Seg. Eżekuttiv informat lil preżenti illi l-Kunsill ma jistax jieħu sehem peress li talab ghal *information panel* waħda.

9.10 Fl-1 t'Ottubru 2014 saret żjara ta' korteżija lil Kunsill mill-Onor Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari responsabli mill-Gvern Lokali. Attendew l-Kunsilliera Horace Micallef, Carmel Farrugia u Mario Mercieca u l-iskrivana kif ukoll is-Seg. Eżekuttiv. Is-Sindku u l-Viċi Sindku ma setgħux jattendu għax kienu indisposti. Is-Sur Carmel Farrugia ippreżenta replika ta' l-Għajn il-Kbira lil Onor Stefan Buontempo.

9.11 Is-Sindku nforma lil preżenti li bdiet issir il-manutenzjoni tar-*railing* u l-*bollards* fit-telgħa l-isfel mill-Knisja. Dan qed isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

9.12 Fit-28 t'Ottubru, s-Sindku attenda għal quddiesa pontifikali fil-Katidral fl-okkażżjoni ta' Jum Għawdex.

*Kunsiller, s-Sur Horace Micallef*

9.13 Is-Sur Micallef ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jitrangaw it-tabelli tal-merħba fil-Fontana ta' fejn id-*Dolphin* Pools fi Triq l-Isptar San Giljan u dik ta' fejn l-istatwa tal-Konċiżżjoni fi Triq il-Għajn kantuniera ma Pjazzetta fuq it-Tomba. It-tabella ta' fejn id-*Dolphin* Pools il-membri qablu li għandhom jinfurmaw lis-Sur Naudi ta' l-HSBC u rigward it-tabella l-oħra ser jitqabbdu l-ħaddiema tas-CWS.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.14 Is-Sur Micallef ippropona li għandha teħel tabella Xlendi u tabella *Dead End* fi Triq l-Isptar San Giljan kantuniera ma Triq is-Sajjieda. Il-membri qablu ma dan.

9.15 Is-Sur Micallef propona sabiex jinqata' il-weraq tal-bajtar li hemm ħiereġ minn ġo għalqa għal fuq Triq Wied Siekel. Il-membri qablu ma dan iżda għandu jinġieb il-permess minn għand sid l-għalqa.

9.16 Is-Sur Micallef informa lil preżenti li l-kaxxa postali li ġiet mitluba mill-Kunsill twaħħlet fi Triq John Gaspard le Marchant.

9.17 Is-Sur Micallef ġibed l-attenzjoni fuq materja li ntqalgħet waqt il-laqgħa mas-Seg. Parlamentari l-Onor. Dr Buontempo, dan rigward verifika mill-*Lands Department* fuq *ownership* ta' Sqaq ta' Fuq il-Lunzjata. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha tikjarifika mad-Dipartiment ta' l-Artijiet.

*Kunsillier, Carmel Farrugia*

9.18 Is-Sur Farrugia issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jagħmel minn kollox biex tissolva l-problema tal-Ħammiem f'dan ir-raħal.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' fil-għaxija. Laqgħa oħra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2014 fil-5.00 ta' fil-għaxija.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555